tal-choirmistress Charlene Portelli. Wara l-quddiesa jkun hemm mumenti ta' talb fil-Grotta ta' San Pawl mill-Kapitlu u l-miġemgħa.
Post: Il-Proto Parroċċa Kolleġġjata ta' San Pawl, ir-Rabat fid-9am.
Din il-quddiesa ser tkun imxandra 'live' fuq TVM. Il-pubbliku huwa mistieden jattendi din il-quddiesa f'ġurnata għażiża għan-nazzjon Malti.

## Is-Sibt 10 ta' Frar, 2018 fis-6pm

### Għeluq tal-Festival "Rabat AGAPE Fest" b' inawgurazzjoni ta' wirja tal-Arti mill-pittur Rabti Matthew Cassar u l-istudenti tiegħu

Post: Kjostru tal-Mużew Wignacourt – il-mużew tal-Kolleġġjata ta' San Pawl tar-Rabat
Ħin: fis-6pm – coffee break u inawgurazzjoni mill-Ministru Dr Ian Borg.

Dħul b'xejn u l-pubbliku huwa mistieden
Din il-wirja ser iddum miftuħa ġimgħa fl-istess Kjostru t'isfel tal-Mużew Wignacourt sal-Ħadd 18 ta' Frar, 2018 u qed issir bil-koperazzjoni u l-kortesija tal-Management tal-Mużew Wignacourt. Matul il-ġimgħa d-dħul għal wirja jkun dejjem b'xejn billi wieħed javża lir-'reception' tal-Mużew.

MALTA SCHOOL OF FLYING

MALTA WINGS

PROFESSIONAL AVIATION TRAINING ACADEMY - MALTA

CORINTHIA GROUP

BILOM Group

The Janatha Stubbs Foundation

green mt WASTE MANAGEMENT SERVICES

FONDAZZJONI PATRI MARTIN CARUANA O.P. 2001

Mużew Wignacourt

Bestprint Co. Ltd, Qrendi • Tel: 21 680 789

# Stedina għalikom – Ejjew ipparteċipaw

**Mill-Avukat Dr. Mark Fenech Vella LL.D**
**President tal-Fondazzjoni Paulus**



Wara li s-sena li għaddiet, fl-okkażjoni tal-Presidenza Maltija tal-Unjoni Ewropea u l-1950 sena mill-Martirju ta' San Pawl, kellna festival pawlin speċjali minħabba ż-żewġ kunċerti storiċi u memorabbli li kienu żewġ xogħlijiet mużikali ġodda ('premiere works') fuq tema pawlina miktuba mid-direttur mużikali tal-Fondazzjoni Christopher Muscat u l-kompożitur ta' fama internazzjonali Msgr Marco Frisina li nġieb Malta minn Ruma fuq stedina tal-Fondazzjoni Paulus sabiex imexxi l-provi u l-kunċerti, din is-sena għandna wkoll festival pawlin ta' livell għoli kif tistgħu taraw mill-attivitajiet kulturali li ser isiru. Għaldaqstant intom imħeġġa sabiex tipparteċipaw f'dan il-festival li kważi l-attivitajiet kollha huma miftuħa għal pubbliku u huma bla ħlas.

Fost l-oħrajn din is-sena reġa' għandna s-sehem tal-Orkestra Filarmonika ta' Malta fil-kunċert pawlin li ser jittella' nhar il-Ħamis l-1 ta' Frar (liema kunċert soltu jsir nhar id-9 ta' Frar) u l-inawgurazzjoni tas-CD tal-kunċerti speċjali u memorabbli li kellna s-sena li għaddiet.

Din l-inawgurazzjoni ser issir fil-Kastell Verdala taħt il-Patroċinju tal-President ta' Malta. Is-Sehem tal-Orkesta Filarmonika ta' Malta huwa prova fil-qabża ta' kwalità mużikali u rikonoxximent għalina minn din l-organizzazzjoni nazzjonali li dan il-festival qed ikollu f'Malta.

L-iskop ta' dan il-festival ta' kultural kristjana b'enfasi fuq il-kult Pawlin għandu l-iskop li jippromwovi u jesponi l-kult Pawlin fil-jiem ta' dawn iż-żewġ festi Pawlini u jiġifieri tal-Konverżjoni (25 ta' Jannar) u n-Nawfraġju ta' San Pawl (10 ta' Frar).

Din is-sena ser tkun l-ewwel darba li l-Fondazzjoni Paulus ser tinawgura Compact Disk li ser jintbgħat ukoll l-Italja. Interessanti wkoll it-taħdita ta' siegħa li ser tagħti Dr Doris Cannataci Ph.D fuq il-kult Pawlin f'San Ġorġ Preca u Monsinjur Ġużeppi de Piro li ser issir fid-9 ta' Frar fil-knisja ta' San Pubbliju r-Rabat kif ukoll il-wirja tal-arti annwali li ser tiġi inawgurata fil-Mużew Wignacourt nhar is-Sibt 10 ta' Frar fis-6pm.

Wieħed irid jgħid li għal dawn l-attivitajiet hemm xhur twal ta' preparamenti warajhom u jqumu ammont konsiderevoli ta' eluf ta' Euro. Ta' dan nirringrazzja lill-'isponsors' kollha li għenuna. Jonqos biss li intom tattendu. Wara kollox dawn l-attivitajiet huma għalikom il-pubbliku inġenerali, speċjalment il-pubbliku Rabti. Ipparteċipaw bi ħġarkom kif dejjem għamiltu sa issa.

Sakemm niltaqgħu, tislijiet.

# RABAT *AGAPE* FESTIVAL 2018

(Is-Sitt Edizzjoni)

## Festival ta' Arti u Kultura Kristjana fir-Rabat ta' Malta, B'enfasi fuq il-Kult Pawlin

**Festival organizzat annwalment mill-Fondazzjoni PAULUS**




## Bejn il-25 ta' Jannar u l-10 ta' Frar

Fl-okkażjoni tal-
Festi tal-Konverżjoni u n-Nawfraġju ta' San Pawl
Appostlu tal-Ġnus, Patrun Prinċipali ta' Malta
u Patrun tal-Parroċċa tar-Rabat

# PROGRAMM

## Il-Ħamis 25 ta' Jannar, 2018
### Quddiesa tal-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl

Quddiesa fl-okkażjoni tal-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl
Il-membri tal-Bord tal-Fondazzjoni jattendu l-quddiesa kantata kkonċelebrata mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata bis-sehem tal-Kor Salve Pater Paule taħt id-direzzjoni tal-choirmistress Charlene Portelli.
Post: Il-Proto-Parroċċa Kolleġġjata ta' San Pawl, ir-Rabat fis-6pm.
Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub jattendi.

## Il-Ħamis l-1 ta' Frar, 2018
### – Il-Kunċert Annwali ta' mużika sagra

Repertorju
**Gustav Holst: *St. Paul's Suite Op. 29***
- Jig
- Ostinato
- Intermezzo
- Finale

**Paolino Vassallo: *Salve Regina***
Solista Claire Caruana - Soprano

**Paolino Vassallo: *Missa in honorem Sancti Paoli***
- Kyrie
- Gloria
- Sanctus
- Agnus Dei

**Felix Mendelssohn Bartholdy: Siltiet mill-Oratorju *Paulus***
- *choral* To thee, O Lord. I yield my spirit
- *recitative & arioso (Soprano)* But the Lord is mindful of his own
- *choral* Sleepers, wake, a voice is calling
- *aria (Soprano)* Jerusalem! Thou that killest the Prophets
- *chorus* Rise! Up! Arise

Post: Il-Knisja Proto-Parrokjali Kolleġġjata ta' San Pawl, Ir-Rabat-Malta
Ħin: fis-7.30pm (tul tal-kunċert: siegħa)
Direzzjoni: Christopher Muscat
Mużika: L-Orkestra Filarmonika ta' Malta
Kor: Jubilate Deo Choir - Il-kor tal-Knisja Arċipretali tal-Parroċċa Marija Bambina tan-Naxxar
Solista: Soprano Claire Caruana

Dan il-kunċert qed isir flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl.
Għal dan kunċert ser jiġu mistiedna persuni bi bżonnijiet soċjali.
Il-programm jiehu siegħa. Il-pubbliku huwa mistieden. Dħul bla ħlas.

## Is-Sibt 3 ta' Frar, 2018 fl-4pm
### – Inawgurazzjoni ta' żewġ Compact Disks

Taħt il-Patroċinju tal-President ta' Malta se issir l-inawgurazzjoni ta' 'Compact Disks' 'live recording' tal-kunċerti li ippreżentat il-Fondazzjoni Paulus f'Jannnar 2016 li kienu jikkonsistu f'xogħlijiet ġodda ta' Ray Sciberras u Mużika mill-Arkivji tal-Parroċċa tar-Rabat u tal-Mużew Wignacourt u tal-kunċerti li saru mill-Fondazzjoni Paulus fi Frar 2017 li kieu jikkonsistu f'żewġ 'premiere works' Pawlini kompożizzjoni ta' Christopher Muscat (direttur mużikali tal-Fondazzjoni Paulus) u tal-kompożitur ta' fama internazzjonali Monsinjur Marco Frisina.

Preżentazzjoni ta' mużika mill-kompożituri Paul Portelli, Ray Sciberras u Christopher Muscat lill-Fondazzjoni Paulus.
Data: is-Sibt 3 ta' Frar, 2018 fl-4pm
Post: Il-Palazz Verdala tal-Buskett, Ir-Rabat
Dħul biss bl-invit maħruġ mill-Uffiċċju tal-President • Tattendi l-midja.

Programm
4.00pm – bibita fis-sala t'isfel tal-Palazz.
5pm – Introduzzjoni ta' merħba lill-President tar-Repubblika.
5.05pm – Introduzzjoni mill-President ta' Malta Dr Marie Louise Coleiro Preca u mill-President tal-Fondazzjoni Paulus Dr Mark Fenech Vella LL.D.
5.15pm – 6.00pm Jintwerew siltiet mill-kunċert ta' Frar 2017 li x-xogħlijiet mużikali jinsabu fis-CDs.
Dawn l-inawgurazzjonijiet ser ikunu taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta u ser idumu madwar 45minuta u ser ikunu jikkonsistu minn introduzzjoni qasira mill-kompożituri Ray Sciberras u Christopher Muscat fuq l-iżvolġiment tax-xogħlijiet b'filmati qosra tal-kunċerti ta' mużika sagra.
Filmati tal-kunċert annwali li sar mill-Fondazzjoni Paulus f'Jannar 2016 u Frar 2017:
- Ave Maria kompożizzjoni ta' Ray Sciberras; "Kyrie" mill-Missa Gloria Tibi Domine, xogħlijiet mużikali tal-Kompożitur Ray Sciberras – filmati mill-Kunċert li sar fil-Kolleġġjata tar-Rabat f'Jannar 2016;
- L-Innu tal-ftuħ tal-Oratorju u Inno all'omnipotenza di Dio (mill-Oratorju Sagru "Fino ai confini della terra" ta' Monsignor Marco Frisina) – filmati mill-Kunċert li sar fil-Kolleġġjata tar-Rabat nhar id-9 ta' Frar 2017;
- It-tieni parti tal-Cantata Pawlina "L-X ta' Frar 1928" tal-kompożitur Christopher Muscat li huwa d-direttur tal-Kor Jubilate Deo u direttur mużikali tal-Fondazzjoni Paulus – filmati li nġibdu fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann is-Sibt 11 ta' Frar,
- L-Għeluq ikun it-Te Deum tal-Oratorju "Fino ai confini della terra" minn Msgr Frisna – filmati li nġibdu fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann nhar is-Sibt 11 ta' Frar, 2017.

Dħul bl-invit maħruġ mill-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika. Fi tmiem l-attività issir ġabra b'risq il-Malta Community Chest Fund.

## Il-Ġimgħa 9 ta' Frar 2018
### Konferenza fuq il-kult Pawlin f'Malta

Konferenza minn Dr Doris Cannataci fuq *Il-Kult Pawlin fil-kitbiet u l-ħidma ta' San Ġorġ Preca u Monsinjur Ġużeppi de Piro*
Data u post: Il-Ġimgħa 9 ta' Frar, 2018 fis-7pm fil-knisja ta' San Publiju li tinsab fuq il-Grotta ta' San Pawl, ir-Rabat, Malta

Kelliema: Dr Doris Cannataci Ph.D
Din il-konferenza ta' 45minuta qed issir bil-koperazzjoni tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata.
Din it-tema hija bbażata fuq numru ta' kapitli f'teżi ta' dottorat li Dr Doris Cannataċi għamlet ftit snin ilu. Din il-konferenza saret għall-ewwel darba s-sena l-oħra għall-membri tas-Soċjetà Museum f'St Michael's College u ser terġa' tiġi ripetuta sabiex tkun tista' tiġi segwita mill-pubbliku Malti u ser tixxandar fuq Radju Marija.
Il-pubbliku huwa mistieden u d-dħul huwa bla ħlas.

## Is-Sibt 10 ta' Frar, 2018
### Quddiesa tas-solennità tan-Nawfraġju ta' San Pawl

Quddiesa fl-okkażjoni tal-Festa tan-Nawfraġju tal-Appostlu Missierna San Pawl
Il-membri tal-Bord tal-Fondazzjoni jattendu l-quddiesa kantata kkonċelebrata mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata bis-sehem tal-Kor Salve Pater Paule taħt id-direzzjoni